

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)
tat-22 ta' Novembru 2007 — Michail vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-67/05) ⁽¹⁾

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport
dwar l-iżvilupp tal-karriera — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni
għas-sena 2003 — Rikors għal annullament — Rikors
għad-danni)*

(2008/C 8/52)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Christos Michail (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: C. Meïdanis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Tserepa-Lacombe, aġent, assistit minn E. Bourtzalas, avukat)

Suġġett tal-kawża

Minn naħa rikors għall-annullament tar-rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera tar-rikorrent għall-eżerċizzju ta' evalwazzjoni mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2003 kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba għad-danni

Dispożittiv

- 1) Ir-rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera tas-Sur Michail adottat għall-perjodu mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2003 huwa annullat.
- 2) Il-bqija tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbatl l-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 229, 17.9.2005, p.33 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-284/05 u ttrasferita quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' digriet tal-15.12.2005).

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)
tat-22 ta' Novembru 2007 — Michail vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-34/06) ⁽¹⁾

*(Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport ta'
żvilupp tal-karriera — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni għas-sena
2004 — Rikors għal annullament — Rikors għad-danni)*

(2008/C 8/53)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Christos Michail (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: C. Meïdanis)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment C. Berardis-Kayser u K. Herrmann, aġenti, wara H. Tserepa-Lacombe, aġent, assistit minn E. Bourtzalas, avukat)

Suġġett tal-kawża

Minn naħa, l-annullament tar-rapport ta' żvilupp tal-karriera tar-rikorrenti għas-sena 2004 u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 154, 1.7.2006, p. 24.